KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WATHELET
ippreżentati fis-17 ta' Diċembru 2015 [1]

Kawża C-163/15

Youssef Hassan
vs
Breiding Vertriebsgesellschaft mbH

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberlandesgericht Düsseldorf (qorti reġjonali superjuri ta' Düsseldorf, il-Ġermanja)]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Trade mark Komunitarja — Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 23 — Liċenzja — Reġistru tat-trade marks Komunitarji — Dritt tal-persuna liċenzjata li ġġib proċedimenti ta' vjolazzjoni minkejja n-nuqqas ta' tniżżil tal-liċenzja fir-reġistru tat-trade marks Komunitarji"

I – **Introduzzjoni**

1. It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja [2].

2. Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn Youssef Hassan u Breiding Vertriebsgesellschaft mbH (iktar 'il quddiem "Breiding") fir-rigward ta' azzjoni għall-vjolazzjoni ta' trade mark Komunitarja, miġjuba minn Breiding kontra Youssef Hassan.

II – **Il-kuntest ġuridiku**

3. Il-premessa 11 tar-Regolament Nru 207/2009 tistipula li:

"It-trade mark Komunitarja għandha titqies bħala oġġett ta' proprjetà li jeżisti separatament mill-impriża li tidentifika l-prodotti jew servizzi tagħha permezz ta' tali trade mark. Allura, għandu jkun possibli li tali trade mark tiġi trasferita, bla ħsara għall-interess superjuri tal-pubbliku li ma jiġix imqarraq b'riżultat ta' dan it-trasferiment. Għandu jkun possibli wkoll li t-trade mark tingħata bħala sigurtà a favur ta' terza persuna u li tkun is-soġġett ta' liċenzja."

4. L-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament, intitolat "Trasferiment", jistabbilixxi:

"1. It-trade mark Komunitarja tista' tiġi trasferita, separatament minn kull trasferiment tal-impriża, fir-rigward jew ta' xi wħud mill-prodotti jew servizzi li għalihom tkun reġistrata jew fir-rigward ta' kollha.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — ĠU L 78, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"regolament".

2. It-trasferiment tal-impriża kollha jinkludi t-trasferiment tat-trade mark Komunitarja ħlief meta, skont il-liġi li tirregola it-trasferiment, ikun hemm ftehim kuntrarju jew meta ċ-ċikostanzi jiddettaw biċ-ċar mod ieħor. Din id-dispożizzjoni għandha tapplika għall-obbligazzjoni kuntrattwali biex isir trasferiment tal-impriża.

[...]

5. Fuq talba ta' waħda mill-partijiet it-trasferiment għandu jitniżżel fir-Reġistru u għandu jiġi ppubblikat.

6. Sakemm it-trasferiment ikun għadu ma tniżżilx fir-Reġistru, is-suċċessur tat-Titolu ma jistax jinqeda bid-drittijiet li jirriżultaw mir-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja.

[...]"

5. Skont l-Artikolu 19 tal-imsemmi regolament, intitolat "Drittijiet in rem":

"1. Trade mark Komunitarja tista', b'mod indipendenti mill-impriża, tingħata bħala garanzija jew tkun is-soġġett ta' drittijiet in rem.

2. Fuq talba ta' waħda mill-partijiet, id-drittijiet msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitniżżlu fir-Reġistru u għandhom jiġu ppubblikati."

6. L-Artikolu 22 tal-istess regolament, intitolat "Liċenzjar", jipprovdi:

"1. Trade mark Komunitarja tista' tiġi liċenzjata fir-rigward ta' xi whud mill-prodotti jew servizzi li għalihom hija reġistrata, jew fir-rigward ta' kollha, għall-Komunità kollha jew għal parti minnha. Il-liċenzja tista' tkun esklussiva jew mhux esklussiva.

[...]

3. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-kuntratt tal-liċenzja, il-liċenzjat jista' jġib proċedimenti ta' vjolazzjoni ta' trade mark Komunitarja biss bil-kunsens tal-proprjetarju. Madanakollu, il-pussessur ta' liċenzja esklussiva jista jġib dawn il-proċedimenti jekk il-proprjetarju tat-trade mark, wara notifika formali, ma jiftaħx huwa stess proċedimenti ta' vjolazzjoni fi żmien xieraq.

4. Il-liċenzjat huwa intitolat li jintervjeni fi proċedimenti ta' vjolazzjoni miġjuba min-naħa tal-proprjetarju ta' trade mark Komunitarja, sabiex jikseb kumpens għad-danni li jkun sofra.

5. Fuq talba ta' waħda mill-partijiet, il-ħruġ jew it-trasferiment ta' liċenzja li tirrigwarda trade mark Komunitarja għandhom jitniżżlu fir-Reġistru u għandhom jiġu ppubblikati."

7. L-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 207/2009, intitolat "Effetti fil-konfront ta' terzi persuni", jistabbilixxi:

"1. L-atti ġuridiċi msemmija fl-Artikoli 17, 19 u 22 li jirrigwardaw trade mark Komunitarja għandhom ikollhom effett fil-konfront ta' terzi persuni fl-Istati Membri kollha biss wara li dawn jitniżżlu fir-Reġistru. Madanakollu, att ta' dan it-tip għandu jkollu effett qabel ma jitniżżel, fil-konfront ta' terzi persuni li jkunu akkwistaw drittijiet fit-trade mark wara d-data ta' dak l-att u li jkunu jafu bl-att fid-data meta jakkwistaw id-drittijiet.

2. Il-paragrafu 1 ma japplikax f'każ ta' persuna li takkwista trade mark Komunitarja jew dritt li jikkonċerna trade mark Komunitarja permezz ta' trasferiment tal-impriża kollha jew permezz ta' kull xorta oħra ta' suċċessjoni universali.

[...]”

III – **Il-fatti fil-kawża prinċipali u t-talba għal deċiżjoni preliminari**

8. Mit-2 ta’ Jannar 2011, Breiding hija d-detentriċi tal-liċenzja, mhux imniżżla fir-reġistru tat-trade marks Komunitarji (iktar ’il quddiem ir-“reġistru”), li tikkonċerna t-trade mark verbali Komunitarja ARKTIS, ippreżentata fil-15 ta’ Awwissu 2002 u rreġistrata fil-11 ta’ Frar 2004 taħt in-numru CTM 002818680, li l-proprjetarja tagħha hija KBT & Co. Ernst Kruchen agenzia commerciale sociétà u li tapplika b’mod partikolari għall-oġġetti tal-friex u għall-gvieret. Il-ftehim tal-liċenzja jistipula li Breiding għandha taġixxi f’isimha proprju, fi proċedimenti ta’ vjolazzjoni ta’ din it-trade mark.

9. Youssef Hassan huwa l-amministratur ta’ OVL Onlinevertrieb & -logistik GmbH & Co. KG, li mill-1 ta’ Mejju 2010 ħadet f’idejha l-impriża, komposta minn soċju wieħed, li huwa kien jopera preċedentement. Dawn l-impriżi offrew, fis-27 ta’ Ottubru 2009 u fit-30 ta’ Ottubru 2012 rispettivament, fis-sit tal-internet “schoene-traeume.de”, varji kwilts ikkuttunati bir-rix taħt l-ismijiet “Arktis 90”, “Arktis 90 HS” u “innoBETT selection Arktis”.

10. Wara l-fatti li seħħew matul l-2009, il-kumpannija li dak iż-żmien kienet id-detentriċi tal-liċenzja, kienet bagħtet intimazzjoni lil Youssef Hassan, li fit-3 ta’ Frar 2010, kien iffirma att imsejjaħ “dikjarazzjoni ta’ astenjoni” li permezz tiegħu kien intrabat li jastjeni milli juża l-isem “Arktis” għal-oġġetti tal-friex, taħt piena ta’ sanzjoni pattwita li kellha tiġi liberament evalwata mid-detentur tal-liċenzja.

11. Wara l-fatti li seħħew matul l-2012, Breiding ressqet kawża quddiem il-Landgericht (qorti reġjonali) kompetenti. Din tal-aħħar ikkonstatat il-validità ta’ dan il-ftehim, ordnat lil Youssef Hassan jagħti xi informazzjoni u jirtira l-prodotti ffalsifikati sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu distrutti, u kkundannatu għall-ħlas tad-danni.

12. Youssef Hassan ippreżenta rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem l-Oberlandesgericht Düsseldorf (qorti reġjonali superjuri ta’ Düsseldorf) liema qorti tqis li s-suċċess tar-rikors jiddependi fuq il-kwistjoni li jiġi stabbilit jekk Breiding, li, skont il-ftehim tal-liċenzja, tiddisponi mill-kunsens tal-proprjetarju tat-trade mark rikjest fl-Artikolu 22(3) tar-regolament, tistax taġixxi fi proċedimenti tal-imsemmija trade mark minkejja li din mhix iskritta bħala detentriċi ta’ liċenzja fir-reġistru.

13. Peress li r-risposta għal din id-domanda tiddependi mill-interpretazzjoni tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 23(1) tar-regolament u peress li għandha xi dubji f’dan ir-rigward, l-Oberlandesgericht Düsseldorf (qorti reġjonali superjuri ta’ Düsseldorf) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

“1) L-ewwel sentenza tal-Artikolu 23(1) tar-[regolament] tipprekludi d-detentur ta’ liċenzja li ma huwiex imniżżel fir-reġistru [...] milli jieħu azzjoni minħabba vjolazzjoni ta’ trade mark [Komunitarja]?

2) Jekk l-ewwel domanda tingħata risposta affermattiva, l-ewwel sentenza tal-Artikolu 23(1) tar-[regolament] tipprekludi mekkaniżmu legali nazzjonali li jawtorizza lid-detentur ta’ liċenzja li jinforza f’ismu stess [permezz tar-rappreżentazzjoni], (‘Prozessstandschaft’) id-drittijiet tal-proprjetarju tat-trade mark kontra l-awtur tal-vjolazzjoni?”

IV – **Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

14. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn Breiding, mill-Gvern Ġermaniż u dak Pollakk kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. Fi tmiem din il-fażi bil-miktub tal-proċedura, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li kellha biżżejjed informazzjoni sabiex tiddeċiedi mingħajr is-seduta għas-sottomissjonijiet orali, skont l-Artikolu 76(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

V – **Analiżi**

15. Permezz tal-ewwel domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju qed tistaqsi jekk l-ewwel sentenza tal-Artikolu 23(1) tar-regolament, li tistabbilixxi li l-atti ġuridiċi msemmija fl-Artikoli 17, 19 u 22 tar-regolament, li jikkonċernaw it-trade mark Komunitarja, mhumiex effettivi fil-konfront ta' terzi fl-Istati Membri kollha ħlief wara t-tniżżil tagħhom fir-reġistru, għandhiex tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi persuna liċenzjata milli ġġib proċedimenti ta' vjolazzjoni tat-trade mark li tkun fil-mira tal-liċenzja, jekk din tal-aħħar ma tkunx tniżżlet fl-imsemmi reġistru.

16. Ngħid mill-ewwel li l-partijiet kollha li ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub jagħtu risposta negattiva għal din id-domanda. Nikkondividi din il-konklużjoni. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni għandu jittieħed inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem ta' din tal-aħħar, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet fil-mira tal-leġiżlazzjoni li minnha tagħmel parti [3]. Fil-kawża preżenti, kemm il-kuntest tal-Artikolu 23(1) tar-regolament kif ukoll l-għan aħħari tiegħu jwassluni sabiex naħseb li din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix lill-proprjetarju ta' liċenzja milli jġib proċedimenti ta' vjolazzjoni tat-trade mark fil-mira tal-liċenzja jekk din tal-aħħar ma tkunx tniżżlet fir-reġistru.

17. Peress li l-ewwel domanda preliminari titlob, fl-opinjoni tiegħi, risposta fin-negattiv, mhux ser neżamina t-tieni domanda preliminari.

A – *L-interpretazzjoni kuntestwali tal-Artikolu 23(1) tar-regolament*

18. Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 23(1) tar-regolament, "[l-]*atti ġuridiċi* msemmija fl-Artikoli 17, 19 u 22 li jirrigwardaw trade mark Komunitarja għandhom ikollhom effett fil-konfront ta' terzi persuni fl-Istati Membri kollha biss wara li dawn jitniżżlu fir-Reġistru" [4].

19. Jidher għalhekk li huwa essenzjali li jiġu ddeterminati l-atti ġuridiċi fil-mira ta' dawn id-dispożizzjonijiet sabiex jiġi stabbilit jekk il-proċedimenti ta' vjolazzjoni humiex inklużi fosthom.

20. L-atti ġuridiċi inkwistjoni fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 23(1) tar-regolament huma t-trasferiment tat-trade mark Komunitarja (Artikolu 17), il-garanzija jew it-trasferiment ta' dritt ieħor *in rem* li jkollhom it-trade mark fil-mira tagħhom (Artikolu 19) u l-*għoti* ta' liċenzja (l-Artikolu 22).

21. Il-punt komuni bejn dawn l-atti differenti, li skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 23(1) tar-regolament, "jirrigwardaw trade mark Komunitarja", jinsab fil-fatt li għandhom fil-mira tagħhom jew bħala effett, li joħolqu jew jittrasferixxu dritt *in rem* fuq it-trade mark.

3 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Yaesu Europe (C-433/08, EU:C:2009:750, punt 24); Brain Products (C-219/11, EU:C:2012:742, punt 13); Koushkaki (C-84/12, EU:C:2013:862, punt 34), kif ukoll Lanigan (C-237/15 PPU, EU:C:2015:474, punt 35).

4 — Enfasi magħmula minni.

22. Din il-karatteristika komuni hija koerenti mat-titolu tat-taqsima li taħtha taqa' l-ewwel sentenza tal-Artikolu 23(1) tar-regolament. Fil-fatt, it-taqsima inkwistjoni hija t-Taqsima 4 tat-Titolu II intitolat "It-trade marks Komunitarji bħala *prodotti ta' proprjetà*" [5].

23. Nikkondividi, għalhekk, l-analiżi tal-Gvern Ġermaniż li l-kunċett ta' "att ġuridiku" fis-sens tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 23(1) tar-regolament, jikkonċerna biss il-*kostituzzjoni* ta' dritt fuq it-trade mark bħala prodott ta' proprjetà. Għalhekk, l-imsemmi kunċett ma jkoprix l-eżerċizzju tad-dritt tad-detentur tal-liċenzja li jaġixxi fi proċedimenti ta' vjolazzjoni abbażi tal-Artikolu 22(3) tal-imsemmi regolament.

24. Din l-interpretazzjoni hija wkoll sostnuta mid-differenza marbuta mat-tniżżil fir-reġistru, skont jekk din tkunx tikkonċerna t-trasferiment jew inkella dritt *in rem* jew liċenzja.

25. Fil-fatt, jekk kull wieħed mill-artikoli msemmija fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 23(1) tar-regolament jistabbilixxi li t-trasferiment, id-drittijiet *in rem* imsemmija fl-Artikolu 19(1), l-għoti jew it-trasferiment "fuq talba ta' waħda mill-partijiet [...] għandhom jitniżżlu fir-Reġistru u għandhom jiġu ppubblikati" [6], huwa biss l-Artikolu 17(6) tar-regolament li jissuġġetta l-possibbiltà li wieħed jipprevalixxi ruħu mid-drittijiet li jirriżultaw mit-trasferiment, għat-tniżżil tiegħu fir-reġistru.

26. Kieku l-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea ried jimponi bħala kundizzjoni għall-eżerċizzju tad-drittijiet li joħorġu minn garanzija jew minn liċenzja t-tniżżil preliminari fir-reġistru, żgur li dan kien jiġi ppreċiżat f'kull wieħed mill-artikoli korrispondenti. Fil-fatt, kieku kellu jiġi sostnut li tali preċiżjoni hija inutli, fid-dawl tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 23(1) tar-regolament, allura l-Artikolu 17(6) ta' dan ir-regolament ikun żejjed u jixxejjen għalhekk minn kull utilità. Bejn interpretazzjoni li tagħmel sens u oħra li hija mxejna minn kull utilità, hemm lok li tiġi adottata tal-ewwel.

27. Fl-aħħar nett, għal dak li għandu x'jaqsam, b'mod iktar partikolari, mal-eżerċizzju ta' azzjoni relatata mal-vjolazzjoni ta' trade mark Komunitarja mill-persuna liċenzjata, l-Artikolu 22(3) tar-regolament jawtorizza dan espressament, bil-kundizzjoni unika li dan tal-aħħar ikun kiseb il-kunsens tal-proprjetarju tat-trade mark [7] u bir-riżerva tal-istipulazzjonijiet fil-kuntratt tal-liċenzja. Jekk ir-reġistrazzjoni preliminari kienet tikkostitwixxi kundizzjoni meħtieġa għall-ammissibbiltà ta' azzjoni ta' vjolazzjoni mressqa mill-persuna liċenzjata, dan ir-rekwiżit kellu, fin-nuqqas tat-tniżżil tiegħu b'mod ġenerali għad-drittijiet kollha li jirriżultaw mil-liċenzja f'paragrafu separat, jitniżżel fid-dispożizzjoni li tittratta din il-kwistjoni, jiġifieri l-Artikolu 22(3) tar-regolament.

28. Jidhirli għalhekk li l-analiżi kuntestwali tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 23(1) tar-regolament twassal sabiex din id-dispożizzjoni tiġi interpretata fis-sens li ma tissuġġettax id-dritt tal-persuna liċenzjata li ġġib proċedimenti ta' vjolazzjoni, għat-tniżżil preliminari tal-liċenzja fir-reġistru.

29. L-għan tal-konnessjoni bejn l-infurzabbiltà kontra terzi persuni u t-tniżżil fir-reġistru jsostni din l-interpretazzjoni.

B – *L-interpretazzjoni teleoloġika tal-Artikolu 23(1) tar-regolament*

30. L-Artikolu 23(1) tar-regolament huwa magħmul minn żewġ sentenzi. Għalhekk waħda ma tistax tinqara indipendentement mill-oħra.

5 — Enfasi magħmula minni.

6 — Ara l-Artikolu 17(5) tar-regolament (trasferiment), l-Artikolu 19(2) (garanzija u drittijiet oħra *in rem*), kif ukoll l-Artikolu 22(5) (liċenzja).

7 — Din il-kundizzjoni fiha nnifisha mhix assoluta, peress li t-tieni sentenza tal-Artikolu 22(3) tippreċiża li l-"pussessur ta' liċenzja esklussiva jista' jġib dawn il-proċedimenti jekk il-proprjetarju tat-trade mark, wara notifika formali, ma jiftaħx huwa stess proċedimenti ta' vjolazzjoni fi żmien xieraq".

31. Irid jingħad li filwaqt li l-ewwel sentenza tal-paragrafu (1) tal-imsemmi Artikolu 23 tar-regolament tistabbilixxi li "[l]-atti ġuridiċi msemmija fl-Artikoli 17, 19 u 22 li jirrigwardaw trade mark Komunitarja għandhom ikollhom effett fil-konfront ta' terzi persuni fl-Istati Membri kollha biss wara li dawn jitniżżlu fir-Reġistru", it-tieni sentenza ta' din id-dispożizzjoni tippreċiża li, "[m]adanakollu, att ta' dan it-tip għandu jkollu effett qabel ma jitniżżel, fil-konfront ta' terzi persuni li jkunu akkwistaw drittijiet fit-trade mark wara d-data ta' dak l-att u li jkunu jafu bl-att fid-data meta jakkwistaw id-drittijiet".

32. Jirriżulta minn din il-preċiżjoni li l-għan aħħari tal-Artikolu 23(1) tar-regolament huwa li jipproteġi lil dak li akkwista bil-*bona fide* drittijiet fuq trade mark Komunitarja. Fil-fatt, l-atti msemmija fl-Artikolu 23(1) tar-regolament jistgħu jiġu infurzati kontra terzi li kisbu drittijiet fuq din l-istess trade mark *meta jkollhom għarfien dwar tal-ewwel*, indipendentement mit-tniżżil tagħhom fir-reġistru.

33. L-għan aħħari tal-infurzabbiltà kontra terzi li hija marbuta mat-tniżżil fir-reġistru, għandha essenzjalment fil-mira tagħha għalhekk, li tipproteġi lil dawk li akkwistaw bil-*bona fide* drittijiet fuq it-trade mark. Fi kliem ieħor, l-Artikolu 23(1) tar-regolament ma jirregolax l-effetti tal-atti ddefiniti fl-Artikoli 17, 19 u 22 tar-regolament fir-rigward ta' persuni li ma kisbu l-ebda dritt fuq it-trade mark iżda li jippreġudikaw dawn id-drittijiet fil-kuntest tal-attività tagħhom.

34. Irid jingħad li l-awtur tal-vjolazzjoni ma kiseb, mid-definizzjoni tiegħu, l-ebda dritt fuq it-trade mark. Dan it-terz, biex nuża t-terminoloġija tal-Artikolu 23(1) tar-regolament, ma kiseb l-ebda drittijiet fuq it-trade mark Komunitarja ta' proprjetarju *in bona fide*. L-Artikolu 23(1) tar-regolament għalhekk ma japplikax.

35. L-interpretazzjoni kuntrarja twassal għas-sitwazzjoni paradossali fejn l-awtur tal-vjolazzjoni *in mala fide* jkun jista' jinvoka għall-benefiċċju tiegħu, kontra l-proprjetarju tal-liċenzja, l-Artikolu 23(1) tar-regolament sabiex iwaqqa' l-azzjoni ta' vjolazzjoni. Dan il-paradoss jirriżulta b'mod partikolari mill-fatti li taw lok għall-kawża prinċipali. Fil-fatt, meta Youssef Hassan intrabat espressament li ma jużax it-trade mark kontenzjuża fid-dikjarazzjoni ta' astensjoni ffirmata fit-3 ta' Frar 2010, kien perfettament informat dwar l-eżistenza tal-liċenzja.

36. Barra minn hekk, jiena sensittiv biżżejjed, f'dan ir-rigward, għall-argument tal-Gvern Pollakk li jekk ir-regola tiġi interpretata b'dan il-mod, tiggarantixxi ċ-ċertezza legali. Fil-fatt, din tippermetti lil persuna li tkun akkwistat bil-*bona fide*, li tikseb drittijiet fuq it-trade mark Komunitarja mingħajr l-obbligi li jirriżultaw mil-liċenzja mogħtija qabel. Min-naħa l-oħra, l-att preċedenti jiskatta l-effett tiegħu fil-konfront tal-persuna li tkun akkwistat sussegwentement jekk din ikollha għarfien tiegħu u, fi kwalunkwe każ, jekk ikun sar it-tniżżil fir-reġistru, peress li l-persuna li akkwistat setgħet, f'dan il-każ, faċilment ikollha għarfien tiegħu.

37. Jirriżulta għalhekk, minn dawn il-kunsiderazzjonijiet, li jekk it-tniżżil fir-reġistru jsir formalità li n-nuqqas tagħha jippermetti lil awtur tal-vjolazzjoni li jinvoka eċċezzjoni ta' inammissibbiltà fir-rigward tal-azzjoni għal vjolazzjoni tal-persuna liċenzjata, dan ikun imur kontra l-għan aħħari fil-mira tat-tniżżil.

38. Jirriżulta minn dan li ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni domanda preliminari magħmula mill-Oberlandesgericht Düsseldorf (qorti reġjonali superjuri ta' Düsseldorf), peress li din tqum biss fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda. Nosserva, barra minn hekk, li hija biss Breiding li qieset li huwa utli li jiġi żviluppat argument f'dan ir-rigward.

VI – **Konklużjoni**

39. Fid-dawl tal-kuntest tal-Artikolu 23(1) tar-regolament u l-għan aħħari fil-mira tiegħu, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domanda preliminari magħmula mill-Oberlandesgericht Düsseldorf (qorti reġjonali superjuri ta' Düsseldorf):

1) "L-ewwel sentenza tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja, ma tipprekludix lill-propjetarju ta' liċenzja li mhux imniżżel fir-reġistru tat-trade marks Komunitarji milli jġib proċedimenti ta' vjolazzjoni ta' trade mark Komunitarja".

2) Peress li t-tieni domanda preliminari tqum biss fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta fir-rigward tagħha.